

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 153/2015

tal-11 ta' Ġunju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2016/2188]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/411 tal-11 ta' Marzu 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi polimeriċi katjoniċi li jgħaqqdu li fihom il-komposti tal-ammonju kwaternarju u li huma inkorporati fiż-żebugħa u l-kisi ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/416 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova d-dinotefuran bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/417 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova r-razza ABTS1743 tas-serotip H5a5b tal-batterju *Bacillus sphaericus* 2362 bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/419 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova t-tolilfluwanid bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12zzu (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/407) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- "12zzv. **32015 D 0411:** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/411 tal-11 ta' Marzu 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi polimeriċi katjoniċi li jgħaqqdu li fihom il-komposti tal-ammonju kwaternarju u li huma inkorporati fiż-żebugħa (ĠU L 67, 12.3.2015, p. 30).
- 12zzw. **32015 R 0416:** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/416 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova d-dinotefuran bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 30).
- 12zzx. **32015 R 0417:** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/417 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova r-razza ABTS1743 tas-serotip H5a5b tal-batterju *Bacillus sphaericus* 2362 bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 33).
- 12zzy. **32015 R 0419:** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/419 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova t-tolilfluwanid bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 39)."

⁽¹⁾ ĠU L 67, 12.3.2015, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 68, 13.3.2015, p. 30.

⁽³⁾ ĠU L 68, 13.3.2015, p. 33.

⁽⁴⁾ ĠU L 68, 13.3.2015, p. 39.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/411, u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/416, (UE) 2015/417 u (UE) 2015/419 fil-lingwa İzlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.